

V

(Avviżi)

PROCĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-22 ta' Diċembru 2022 – Il-Parlament Ewropew vs Giulia Moi

(Kawża C-246/21 P) ⁽¹⁾

(Appell – Dritt istituzzjonali – Membru tal-Parlament Ewropew – Prinċipju ta' ne ultra petita – Suġġett tat-tilwima – Drittijiet tad-difiża – Artikolu 232 TFUE – Modus operandi tal-Parlament – Is-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE – Terminu għall-preżentata tar-rikors – Appell inċidentali)

(2023/C 63/02)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Appellant: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: T. Lazian, S. Seyr u M. Windisch, aġenti)

Parti oħra fil-proċedura: Giulia Moi (rappreżentanti: M. Pisano u P. Setzu, avukati)

Dispożittiv

- 1) L-appell prinċipali u l-appell inċidentali huma miċħuda.
- 2) Il-Parlament Ewropew huwa kkundannat għall-ispejjeż tal-appell prinċipali.
- 3) Giulia Moi hija kkundannata għall-ispejjeż tal-appell inċidentali.

⁽¹⁾ ĠU C 228, tal-14 ta' Ġunju 2021.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-22 ta' Diċembru 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Østre Landsret – id-Danimarka) – X vs Udlændingenævnet

(Kawża C-279/21) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE – Turkija – Artikolu 9 – Deċiżjoni Nru 1/80 – Artikolu 10(1) – Artikolu 13 – Klawżola ta' Standstill – Riunifikazzjoni tal-familja – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tintroduċi kundizzjonijiet ġodda iktar restrittivi għall-finijiet tar-riunifikazzjoni tal-familja għall-konjuġi ta' ċittadini Torok li għandhom permess ta' residenza permanenti fl-Istat Membru kkonċernat – Impożizzjoni fuq il-ħaddiem Tork ta' rekwiżit li jgħaddi minn eżami li jikkonferma ċertu livell ta' għarfien tal-lingwa uffiċjali ta' dan l-Istat Membru – Ġustifikazzjoni – Għan li tiġi żgurata integrazzjoni b'suċċess)

(2023/C 63/03)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

Qorti tar-rinviju

Østre Landsret

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: X

Konvenut: Udlændingenævnet

Dispożittiv

L-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni tad-19 ta' Settembru 1980 dwar l-Iżvilupp tal-Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

leġiżlazzjoni nazzjonali, introdotta wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-deċiżjoni fl-Istat Membru kkonċernat, li tissuġġetta r-riunifikazzjoni tal-familja bejn ħaddiem Tork li jirrisjedi legalment f'dan l-Istat Membru u l-konjuġi tiegħu għall-kundizzjoni li dan il-ħaddiem jgħaddi minn eżami li jikkonferma ċertu livell ta' għarfien tal-lingwa uffiċjali tal-imsemmi Stat Membru, tikkostitwixxi "restrizzjoni ġdida", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Tali restrizzjoni ma tistax tiġi ġġustifikata mill-għan li tiġi ggarantita l-integrazzjoni b'suċċess ta' dan il-konjuġi peress li din il-leġiżlazzjoni ma tippermettix lill-awtoritajiet kompetenti li jieħdu inkunsiderazzjoni la l-kapaċitajiet ta' integrazzjoni ta' dan il-konjuġi stess, u lanqas fatturi, minbarra li jkun għadda minn tali eżami, li juru l-integrazzjoni effettiva tal-imsemmi ħaddiem fl-Istat Membru kkonċernat u, għaldaqstant, il-kapaċità tiegħu li jgħin lill-konjuġi tiegħu sabiex jintegra f'dan l-Istat Membru.

(¹) ĠU C 278, 12.7.2021.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-22 ta' Diċembru 2022 – Universitt Koblenz-Landau vs L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA)

(Kawża C-288/21 P) (¹)

(Appell – Klawżola ta' arbitraġġ – Programmi Tempus IV – Ftehimiet ta' sussidju Eceasis, Diasas u Deque – Irregolaritajiet sistemiċi u rikorrenti – Talba għal rimbors sħiħ tal-ammonti mħallsa – Dritt ta' smigħ – Prinċipju ta' proporzjonalit – Prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi – Talba li tinfetaħ mill-ġdid il-fażi orali tal-proċedura fl-ewwel istanza – Artikolu 113(2)(c) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali)

(2023/C 63/04)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellant: Universitt Koblenz-Landau (rappreżentanti: R. Di Prato u C. von der Lhe, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA) (rappreżentanti: H. Monet u N. Sbrilli, aġenti, assistiti minn R. van der Hout u C. Wagner, avukati)

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Universitt Koblenz-Landau hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 278, tat-12 ta' Lulju 2021.